Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits

2025/0543(COD)

25.6.2026

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695

(COM(2025)0543 – C10-0164/2025 – 2025/0543(COD))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Hélder Sousa Silva

PA_LegEvaluation

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695
(COM (2025)0543 – C10-0164/2025 – 2025/0543(COD))

Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

Il-Kumitat għall-Baġits,

A. billi r-rapport Draghi jidentifika r-riċerka u l-innovazzjoni bħala wieħed mill-muturi ewlenin wara l-produttività u l-benesseri tan-nies, li kapaċi jiġġeneraw esternalitajiet pożittivi u jappoġġjaw l-awtonomija strateġika u l-mudell soċjali tal-UE; billi r-rapport jappoġġa t-tfassil ta' programm riformat u aktar sempliċi ffukat fuq prijoritajiet magħżula u baġit miżjud ta' EUR 200 biljun; billi r-rapport Draghi jenfasizza l-enfasi insuffiċjenti fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fis-sistema ta' innovazzjoni attwali tal-UE;

B. billi l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa[1] tikkonferma l-valur miżjud Ewropew kbir, ir-rilevanza u l-effettività tiegħu; billi l-evalwazzjoni tenfasizza l-fatt li minkejja ż-żieda fir-rata medja ta' suċċess, minn 12 % f'Orizzont 2020 għal 16,4 % f'Orizzont Ewropa (u minn 9 % għal 14 % fil-pajjiżi tat-twessigħ), 30 % biss tal-proposti ta' kwalità għolja setgħu jiġu ffinanzjati u kienu jkunu meħtieġa EUR 81,8 biljun addizzjonali biex jiġu ffinanzjati kollha;

C. billi d-dikjarazzjoni ta' Budapest tiddikjara mill-ġdid l-importanza li 3 % tal-PDG jiġi ddedikat għar-riċerka u l-iżvilupp sal-2030; billi fis-26 sena mid-dikjarazzjoni ta' Barċellona, ftit Stati Membri biss laħqu din il-mira; billi l-programm Orizzont Ewropa jista' jappoġġa l-kisba ta' dik il-mira u jingrana fondi addizzjonali minn entitajiet pubbliċi u privati;

D. billi r-rapport Letta jipproponi "l-ħames libertà biex jissaħħu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni fis-suq uniku" ġdida, li teħtieġ Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) msaħħa u operazzjonali għalkollox; billi l-programm Orizzont Ewropa jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' din il-libertà addizzjonali, inkluż permezz tal-appoġġ tal-mobbiltà tar-riċerkaturi fi ħdan iż-ŻER;

E. billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u ż-żieda fl-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni ma jiġux esklużivament mis-settur pubbliku, li għandu jaġixxi bħala lieva għall-mobilizzazzjoni tal-investiment privat, u jagħmel ir-

[1] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2025 bit-titolu "Evalwazzjoni Interim tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont Ewropa (2021-2024)" (SWD(2025) 0110).

riċerka u l-innovazzjoni oqsma ta' investiment attraenti għan-negozji, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

F. billi d-disparitajiet persistenti fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni jkomplu jillimitaw il-kompetittività ġenerali tal-UE; billi l-konverġenza msaħħa fi ħdan iż-ŻER hija meħtieġa biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni u ssir disponibbli l-eċċellenza mhux użata fl-Istati Membri kollha;

G. billi l-gwerra fuq skala sħiħa li għaddejja fl-Ukrajna qed turi l-importanza tat-teknoloġiji b'użu doppju;

1. Iqis li l-pakkett tal-programm għandu jiżdied minn EUR 154 biljun għal EUR 200 biljun (jew EUR 177 biljun fi prezzijiet tal-2025) sabiex il-kompetittività Ewropea tingħata l-ispinta meħtieġa għall-innovazzjoni f'setturi ewlenin, tiġi appoġġata l-bażi tar-riċerka tal-UE u jitrawmu soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi globali tas-soċjetà biex jiġu żgurati livelli adegwati ta' finanzjament għall-prijoritajiet u l-objettivi kollha tal-programm, filwaqt li jiġi appoġġat l-objettiv li 3 % tal-PDG jiġi ddedikat għan-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp sal-2030;

2. Iqis li biżżejjed riżorsi, inklużi riżorsi umani, tekniċi u tal-IT, iridu jkunu disponibbli mill-bidu nett u tul il-perjodu kollu ta' programmazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028-2034 biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-programm Orizzont Ewropa;

3. Jirrimarka li r-riċerka u l-innovazzjoni huma l-muturi primarji tal-kompetittività fit-tul; iqis, għalhekk, li l-interventi taħt l-Intestatura 2 tal-QFP li jmiss b'mod ġenerali, u Orizzont Ewropa b'mod partikolari, jenħtieġ li jiffukaw fuq – fost affarijiet oħra – it-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni bejn l-UE u l-kompetituri globali sabiex l-UE ssir aktar kompetittiva, tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel minn riċerka ta' kwalità għolja għal soluzzjonijiet kummerċjabbli, u n-negozji tal-UE jingħataw il-vantaġġ teknoloġiku li jeħtieġu biex jirnexxu fost kompetizzjoni miftuħa u globali;

4. Iqis li riżorsi sinifikanti jenħtieġ li jiġu diretti lejn is-sigurtà, it-teknoloġiji b'użu doppju u dawk relatati mad-difiża u l-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jissaħħu s-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza; jinnota li l-Kummissjoni pproponiet programm speċifiku għar-riċerka relatata mad-difiża bħala parti mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività; jilqa' l-fatt li Orizzont Ewropa għadu ddedikat għall-appoġġ tar-riċerka ċivili u b'użu doppju;

5. Jirrimarka li t-tqassim tal-baġit fl-Artikolu 6 jinkludi biss 7 ammonti indikattivi fil-livell tal-partiti meta mqabbel ma' 15 fil-perjodu 2021-2027; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' baġit prevedibbli għal ħafna azzjonijiet – b'mod partikolari fi ħdan il-Pilastru I u l-Pilastru III – fejn il-benefiċjarji ma għandhomx pakkett finanzjarju ċar; jinnota bi tħassib li dan jagħti lill-Kummissjoni latitudni kbira biex tibdel u tiddeċiedi dwar il-prijoritajiet tal-infiq matul l-implimentazzjoni mingħajr ebda valur miżjud għar-riċerkaturi, għall-innovaturi u għall-SMEs li jibbenefikaw mill-programm; jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sottopakketti indikattivi għal kull pilastru u għal kull sottoprogramm fl-att bażiku biex jiżdiedu l-prevedibbiltà fit-tul, it-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika;

6. Jirikonoxxi li l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ħa ħsieb diversi ġenerazzjonijiet ta' Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI), u sfrutta s-saħħa tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE. jemmen li l-EIT jenħtieġ li jaġixxi bħala faċilitatur strateġiku għas-suċċess tal-KKI billi jikkondividi l-aħjar prattika, jappoġġja l-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi u joħloq valur miżjud bejn il-KKI. jitlob l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati għall-EIT, u li jiġi żgurat li din l-aġenzija deċentralizzata jkollha mezzi suffiċjenti biex twettaq il-mandat futur tagħha u l-kompiti fdati lilha;

7. Jirrimarka li Orizzont Ewropa jenħtieġ li jkompli jkun programm kompletament awtonomu, filwaqt li jiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività permezz ta' prijoritajiet strateġiċi allinjati, mingħajr preġudizzju għall-governanza tiegħu, il-kriterji ta' evalwazzjoni bbażati fuq l-eċċellenza u r-regoli indipendenti; jisħaq li huwa vitali, fl-istess ħin, li Orizzont Ewropa jkompli jiġi kkoordinat mal-programmi kollha tal-UE li jista' jkollhom rabta mal-innovazzjoni u r-riċerka, kemm jekk ikunu jirrigwardaw it-taħriġ, is-saħħa, l-attirar tal-investiment jew it-trawwim tal-kapaċità kompetittiva tan-negozji tal-UE; jieħu nota tas-sinerġiji proposti bejn Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività; jikkondividi l-valutazzjoni li ż-żewġ programmi jenħtieġ li jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiżguraw li l-baġit tal-UE jkun adattat biex jappoġġja lill-innovaturi Ewropej, mir-riċerka bażika sal-kummerċjalizzazzjoni; jisħaq, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe kontribuzzjoni inkroċjata bejn il-programmi trid tiġi riflessa kif xieraq fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi; jisħaq li komplementarjetà msaħħa bejn il-programmi ma tridx twassal għal kumplessità sproporzjonata għall-benefiċjarji; jitlob li l-finanzjament tal-Unjoni jkun aktar ċar, aktar aċċessibbli u aktar koerenti sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni u jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti;

8. Jenfasizza, bi tħassib, id-distakk strutturali persistenti bejn l-Istati Membri fir-riċerka u l-innovazzjoni u jappella għal sforzi msaħħa biex jitnaqqas dan id-distakk fi ħdan l-UE;

9. Jirrikonoxxi li l-flessibbiltà hija karatteristika importanti tal-arkitettura tal-QFP 2028-2034 kif proposta mill-Kummissjoni; ifakkar, madankollu, fil-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi annwali prevedibbli u suffiċjenti għall-programm Orizzont Ewropa, u li titqies in-natura fit-tul tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni; iqis li allokazzjoni baġitarja indikattiva għal kull partita tal-programm tiżgura l-prevedibbiltà għall-benefiċjarji finali, mingħajr ma ċċaħħad lill-awtorità baġitarja mill-prerogattivi tagħha;

10. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' nomenklatura baġitarja indikattiva dettaljata biżżejjed proposta fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva (LFDS), li tinkludi biss 5 linji baġitarji, meta mqabbla ma' 44 fil-perjodu 2021-2027; iqis li dan se jfixkel is-sorveljanza, il-prevedibbiltà u l-kapaċità tal-awtorità baġitarja li tmexxi b'mod preċiż il-prijoritajiet ta' politika fil-proċedura baġitarja annwali; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-arkitettura baġitarja aggregata żżejjed tiffaċilita b'mod drammatiku trasferimenti li mhumiex soġġetti għad-deċiżjoni tal-awtorità baġitarja; jirrakkomanda, għalhekk, nomenklatura aktar dettaljata li tirrifletti kif xieraq l-objettivi u l-istruttura tal-programm u ssaħħaħ it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-kontroll parlamentari; ifakkar li n-nomenklatura tal-baġit trid tikkonforma mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament

Finanzjarju[2], li jipprevedi li kull titolu għandu jikkorrispondi għal qasam ta' politika u li kull kapitolu għandu, bħala regola, jikkorrispondi għal programm jew għal attività, f'konformità mal-prinċipji tal-ispeċifikazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tat-trasparenza; jinsisti li n-nomenklatura tal-baġit tifforma parti integrali mill-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament u trid tiġi diskussa fin-negozjati interistituzzjonali; iqis, f'dan ir-rigward, li l-LFDS riveduta trid tkun parti mill-ftehim politiku finali;

11. Jinsisti li leġiżlazzjoni dettaljata u soda biżżejjed, b'livell xieraq ta' governanza, hija kundizzjoni għal teħid xieraq ta' deċiżjonijiet baġitarji u sorveljanza parlamentari adegwata matul l-implimentazzjoni tal-baġit; iqis li "mekkaniżmu ta' tmexxija" mfassal ħażin ma jistax jikkumpensa għal kwalunkwe telf tas-setgħat leġiżlattivi jew baġitarji tal-Parlament u mhuwiex xieraq għat-tmexxija ta' programm li jappoġġja l-ħidma fil-fruntieri tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, b'mod partikolari minħabba li ċ-ċikli ta' innovazzjoni f'xi setturi strateġiċi jitkejlu f'ġimgħat jew xhur filwaqt li l-mekkaniżmu ta' tmexxija huwa proċedura li tieħu s-snin;

12. Jemmen li l-għażliet ta' politika sostantivi kollha, inklużi l-prijoritajiet tal-infiq u l-allokazzjonijiet finanzjarji, iridu jiġu ddeterminati fl-att bażiku tal-Orizzont Ewropa b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur u waħda miż-żewġ friegħi tal-awtorità baġitarja tal-UE; ifakkar li kwalunkwe element mhux essenzjali li jinvolvi għażliet politiċi li mhumiex inklużi fl-att bażiku jrid jiġi adottat permezz ta' atti delegati, inklużi programmi ta' ħidma;

13. Jissottolinja li l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-programm jenħtieġ li jkunu trasparenti filwaqt li jirrispettaw il-valuri Ewropej u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, appoġġjati minn istituzzjonijiet demokratiċi;

14. Ifakkar li l-proposta tinkludi l-possibbiltà li tintuża garanzija baġitarja; jisħaq li l-implikazzjonijiet baġitarji tal-operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self fl-ambitu tal-programm qafas Orizzont Ewropa iridu jiġu identifikati b'mod ċar, ippreżentati b'mod trasparenti u mmonitorjati bir-reqqa matul il-perjodu tal-QFP; jinsisti li d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' tali operazzjonijiet iridu jirrispettaw bis-sħiħ is-setgħat tal-koleġiżlaturi u l-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jissottolinja li tali strumenti għandhom jintużaw b'mod strateġiku biex jimmassimizzaw l-impatt, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-UE, filwaqt li jiżguraw trasparenza sħiħa, ġestjoni tajba tar-riskju u rispett għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; ifakkar li l-interessi finanzjarji tal-UE jenħtieġ li jiġu ssalvagwardjati, fost miżuri oħra, billi jiġi ggarantit aċċess sħiħ għal data li tista' tiġi awditjata, drittijiet investigattivi għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u drittijiet tal-awditjar għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

15. Jenfasizza li l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), b'mod partikolari permezz tal-Fond Scale-up Europe, jaqdi l-objettiv li jappoġġja start-ups u scale-ups tat-teknoloġija profonda Ewropej li joffru valur strateġiku fit-tul għall-UE, f'konformità mal-objettivi tar-rapport Draghi; ifakkar li l-EIC huwa strument uniku, li jiġbor flimkien

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

finanzjament mill-baġit tal-UE u investituri privati biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jaċċessaw kapital sinifikanti fl-istadji ta' start-up, tkabbir u scale-up; jitlob bil-qawwa li l-Fond Scale-up Europe jkompli l-missjoni tiegħu fi ħdan l-EIC fil-QFP li jmiss; jisħaq li jeħtieġ li jkun hemm salvagwardji fis-seħħ biex jiġi żgurat kontroll baġitarju sod u tiġi evitata l-ħsara għar-reputazzjoni tal-baġit tal-UE; f'dan il-kuntest, jinnota li, minħabba n-natura unika tal-EIC u l-ħtieġa tiegħu li jopera f'suq globali ta' kapital ta' riskju li jinbidel malajr u fejn telf sinifikanti ta' kapital huwa inevitabbli, jistgħu jiġu pprovduti eżenzjonijiet immirati mir-Regolament Finanzjarju fejn ikun meħtieġ, f'koordinazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit; jissottolinja li dawn l-eżenzjonijiet iridu jkunu ġġustifikati bir-reqqa u m'għandhomx jikkompromettu l-prerogattivi tal-Parlament bħala awtorità baġitarja; ifakkar fl-importanza tal-investiment f'setturi strateġiċi Ewropej, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, it-teknoloġiji b'użu doppju, tad-difiża u nodfa sabiex tingħata spinta lill-kompetittività u lill-awtonomija strateġika Ewropea;

16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li s-scale-ups jiġu appoġġjati u li s-start-ups Ewropej jiġu megħjuna jinnavigaw il-"wied tal-mewt", fejn nuqqas ta' kummerċjalizzazzjoni sikwit iwassal għal falliment jew rilokazzjoni barra mill-UE; jisħaq li Orizzont Ewropa jenħtieġ li jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-UE, filwaqt li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività jenħtieġ li jiffoka jiffoka fuq l-iżvilupp aċċellerat, l-implimentazzjoni, u l-kompetittività industrijali u jikkonverti l-aqwa riċerka u innovazzjoni tal-Ewropa f'espansjoni u f'implimentazzjoni fuq skala Ewropea;

17. Ifakkar li Orizzont Ewropa jenħtieġ li jinkorpora kemm approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi mill-"politika pubblika" (minn fuq għal isfel), f'koordinazzjoni mill-qrib u sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu, b'mod partikolari f'teknoloġiji b'użu doppju li jistgħu jiġu estiżi fil-qafas tal-FEK; jenfasizza li tali sinerġija u enfasi fuq l-effiċjenza u l-effettività huma indispensabbli għall-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

18. Ifakkar li l-proċeduri amministrattivi jridu jiġu ssimplifikati għall-applikanti kollha, b'mod partikolari għal proġetti iżgħar jew fuq skala medja, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni aħjar tal-SMEs u tas-start-ups, inklużi piżijiet ta' applikazzjoni mnaqqsa u żborż aktar rapidu tal-għotjiet; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-programm jenħtieġ li jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' kull tip ta' partijiet ikkonċernati, speċjalment dawk ġodda, l-SMEs, is-start-ups u s-scale-ups innovattivi, id-dinja akkademika, u l-gruppi fil-mira ġodda, b'mod partikolari permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, li jeħtiġilhom jinteraġixxu ma' strutturi ta' appoġġ rilevanti fl-ambitu ta' programmi oħra tal-UE;

19. Jisħaq li l-użu tad-dħul assenjat estern fl-ambitu tal-programm Orizzont Ewropa jrid ikun kompletament trasparenti u soġġett għal skrutinju parlamentari effettiv; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn kwalunkwe pajjiż terz parteċipant u donaturi oħrajn; jissottolinja li, jekk il-kumitat ewlieni jqis li jemenda dispożizzjonijiet relatati mad-dħul assenjat estern, dan għandu jsir f'koordinazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits u mal-kumitati l-oħrajn sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti;

20. Ifakkar fil-proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas għall-ittrekkjar tan-nefqa

baġitarja u għall-prestazzjoni tal-baġit u regoli orizzontali oħrajn għall-programmi u għall-attivitajiet tal-UE (ir-"regolament dwar il-prestazzjoni"), li jistabbilixxi lista simplifikata unika għall-indikaturi tal-prestazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, li wħud minnhom huma rilevanti għall-programm Orizzont Ewropa; ifakkar li l-applikazzjoni tal-prinċipji orizzontali, meta jkun fattibbli u xieraq, jenħtieġ li tkun f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, kif previst fir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu applikati b'mod li jqis kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tal-programmi settorjali; jissottolinja li kwalunkwe bidla fl-arkitettura, fl-objettivi u fl-azzjonijiet eliġibbli fl-ambitu tal-programm se jkun meħtieġ li tiġi riflessa b'mod xieraq fl-Anness I tar-regolament dwar il-prestazzjoni, bħala parti mill-proċess ta' emendar u ta' negozjar ta' dak ir-regolament***;*** jirrimarka li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni settorjali tista' tissupplimenta r-regolament dwar il-prestazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-evalwazzjonijiet tal-programm, għandha tibqa' konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament;

21. Iqis li d-diżimpenji tar-riċerka jenħtieġ li jerġgħu jintużaw bis-sħiħ biex jgħinu fit-tisħiħ tal-kapaċità tar-riċerka tal-UE, mingħajr ma jiġu imposti limiti artifiċjali fuq l-ammonti, xi ħaġa li mhijiex prevista fir-Regolament Finanzjarju; iqis ukoll li r-rimborżi mill-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li jibqgħu disponibbli fi ħdan il-programm Orizzont Ewropa.

Fil-qafas tal-valutazzjoni baġitarja tiegħu, il-Kumitat għall-Baġits jippreżenta wkoll l-emendi li ġejjin għall-abbozz ta' proposta.

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
34. Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, ħlief għall-istrumenti finanzjarji tal-EIC, dan l-appoġġ jenħtieġ li jingħata esklużivament mill-Istrument InvestEU tal-FEK skont ir-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-FEK.	34. Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, ħlief għall-istrumenti finanzjarji tal-EIC ***– inkluż il-Fond Scale-up Europe***, dan l-appoġġ jenħtieġ li jingħata esklużivament mill-Istrument InvestEU tal-FEK skont ir-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-FEK.

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Jenħtieġ li l-komplementarjetà bejn il-programm Orizzont Ewropa u strumenti oħrajn tal-Unjoni – inkluż il-Fond Ewropew għall-Kompetittività – ma tinkisibx għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja. Il-kontribuzzjoni tal-programm Orizzont Ewropa għall-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt jenħtieġ li tibqa' identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju u tiġi riflessa debitament fid-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 37b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37b) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jenħtieġ li jwasslu għal teħid xieraq ta' deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-arkitettura interna tal-programm jenħtieġ li tiġi riflessa kif dovut fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 37c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37c) F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju, id-diżimpenji tar-riċerka għandhom jerġgħu jintużaw biex jgħinu fit-tishih tal-kapaċità tar-riċerka tal-Unjoni, mingħajr ebda limitu preventiv li jirrestrinġi lill-awtorità tal-baġit fil-proċedura baġitarja annwali.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati[+] skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu allokati

biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-ftehim interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

+ Pro memoria: Valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 (COM(2025)0543).

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Emenda 6
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett ***finanzjarju indikattiv tal-Programm*** għall-perjodu ***bejn l-1 ta' Jannar 2028 u l-31 ta' Diċembru 2034*** għandu jkun EUR ***175 002 000 000*** fi prezzijiet attwali.	1. Il-pakkett ***tal-programm għall-implimentazzjoni tar-Regolament*** għall-perjodu ***2028-2034*** għandu jkun ***EUR 200 003 562 000*** fi prezzijiet attwali ***(EUR 177 010 000 000 fi prezzijiet tal-***

2025).

Emenda 7
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. [Mill-1 ta' Jannar 2028 / id-data tal-bidu tal-programm], b'deroga mill-Artikolu 212(3), l-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi tar-Regolament Finanzjarju, id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn strumenti finanzjarji ffinanzjati minn dan ir-Regolament u mill-predeċessuri tiegħu permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għandhom jintużaw biex jipprovdu appoġġ tal-Unjoni fl-ambitu tal-programm Orizzont Ewropa. B'deroga mill-Artikolu 21(3), il-punt (f), u f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern lill-programm Orizzont Ewropa. Id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn strumenti finanzjarji implimentati mill-Fond tal-EIC għandhom jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tal-Fond tal-EIC.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji li jirriżultaw min-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti ta' riċerka għandhom jerġgħu jsiru disponibbli għal dan il-Programm, fil-kuntest tal-proċedura baġitarja, bi prijorità għall-istess objettiv.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Bl-eċċezzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-EIC (Fond) fejn l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan għandu jiġi pprovdut esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività permezz tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ta' garanzija konklużi għal dak l-għan. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għat-telf mis-self għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġi kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit.	3. Bl-eċċezzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-EIC (Fond) ***– inkluż il-Fond Scale-up Europe –*** fejn l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan għandu jiġi pprovdut esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività permezz tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ta' garanzija konklużi għal dak l-għan. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għat-telf mis-self għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġi kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit***, sal-ammont massimu tal-garanzija baġitarja stabbilita bir-Regolament dwar il-FEK***.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara li fil-valutazzjoni baġitarja tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-valutazzjoni baġitarja, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Marie Curie Alumni Association
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva ir-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT
LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

Titolu	L-istabbiliment tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, l-istabbiliment tar-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u t-tħassir tar-Regolament (UE) 2021/695
Referenzi	COM(2025)0543 – C10-0164/2025 – 2025/0543(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 23.10.2025
Valutazzjoni baġitarja maħruġa minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025
Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja Data tal-ħatra	Hélder Sousa Silva 13.1.2026
Eżami fil-kumitat	8.4.2026
Data tal-adozzjoni	23.6.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 –: 4 0: 1

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

29	+
ECR	Tobiasz Bocheński, Arkadiusz Mularczyk, Bogdan Rzońca
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Michalis Hadjipantela, Andrzej Halicki, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Gabriel Mato, Danuše Nerudová, Karlo Ressler, Hélder Sousa Silva
PfE	Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Antonín Staněk
Renew	Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Yar
S&D	Mohammed Chahim, Matthias Ecke, Nikolas Farantouris, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Victor Negrescu, Matjaž Nemec, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Ignazio Roberto Marino, Rasmus Nordqvist, Nicolae Ștefănuță

4	-
ESN	Alexander Jungbluth
NI	Thomas Geisel
PfE	Valérie Deloge, Aleksandar Nikolic

1	0
The Left	João Oliveira

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni